MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 22/1994/1

Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani .

vs

Giuseppe Buttigieg ,
Fortunato Bonello ,
Peter Paul Attard ,
Coronata Mercieca ,
Michael Camilleri, u
Salvu Mejlaq .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati li jiżgumbraw mill-għalqa "Ta' Ġnien Musfar", fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, li intom qed tokkupaw mingħajr ebda titolu validu fil-liġi .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri interpellatorja tat-13 u 18 ta' Novembru, 1992, u b'riserva għad-danni minħabba l-agir abusiv tal-konvenuti, kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi għal dak li hija n-natura tal-inkwilinat in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti li tisma' u tiddeċiedi din il-kawża in kwantu din hija materja ta' kompetenza tal-Bord li jirregola l-Qbiela .

2. Illi t-talba attriċi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt in kwantu l-konvenuti qegħdin jokkupaw din l-art b'titolu ta' inkwilinat jew sub-inkwilinat kif jiġi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawża .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur ta' l-attur .

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawża l-attur qed ifittex l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-għalqa indikata fl-avviż, għax jikkontendi li l-istess konvenuti qed jokkupawha mingħajr ebda titolu validu fil-liġi . Il-konvenuti eċċepew preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti . Din l-eċċezzjoni pero' ġiet irtirata permezz ta' verbal tal-legali tal-konvenuti ta' l-10 ta' Ġunju 1994[1] . Fil-mertu jikkontendu illi qegħdin jokkupaw l-art in kwistjoni b'titolu ta' qbiela jew sullokazzjoni .

L-attur qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu bażikament fuq skrittura ta' lokazzjoni magħmula bejnu u ċertu Anthony

[1] A fol. 16 tal-process .

Mercieca mlaqqqam "ix-Xerxew" fil-15 ta' Settembru 1959, fejn jidher illi ġiet *inter alia* mqabbla lilu l-art in kwistjoni u kien hemm id-divjet tas-sullokazzjoni[2] . Jsostni illi fl-okkażżjoni ta' dik l-iskrittura, iffirmata kemm minnu personalment u mill-istess Anthony Mercieca, huwa kien assikura ruħu illi ma kien hemm ħadd aktar jaħdem dik ir-raba . Għalhekk il-konvenuti għalieh qed jokkupaw ir-raba llegalment u huwa ma jirrikonoxxihomx . Mercieca pero' jiċħad dan, u jinsisti illi huwa qatt ma qal lis-sid illi ma kien hemm ħadd aktar ħliefu jaħdem ir-raba in kwistjoni.

Irriżulta mill-provi prodotti illi oriġinarjament din ir-raba kienet imqabbla għand Maria Mercieca, omm l-imsemmi Anthony Mercieca, u oħrajn . Konferma ta' dan hemm diversi irċevuti li ġew esebiti u li jirrisalu għas-sena 1935[3] . Fil-bidu dawn kienu jmorru jħallsu l-qbiela Malta individwalment . Biż-żmien pero' ftehmu li minflok ma jmorru kollha "*purcissjoni*" Malta, ħallew f'idejn "ix-Xerxew" biex, wara li jiġbor ir-rati dovuti minn kull min kellu parti minn din ir-raba, jmur hu biss għand is-sid bil-qbiela intiera . Kif ġia ngħad fl-1959 saret l-iskrittura msemmija, imma din ma jidher illi għamlet ebda differenza fir-relazzjoni ta' bejn l-inkwilini l-oħra u Anthony Mercieca . Dan baqa' bħas-soltu jiġbor ir-rati tal-qbiela mingħandhom, joħroġilhom irċevuta individwali u f'Santa Marija jmur bis-somma globali ta' ħmistax-il lira maltija (Lm15) għand is-sid . Sadanittant uħud mill-inkwilini oriġinali bdew imutu jew jirtiraw u d-diversi porzjonijiet minn din ir-raba bdew jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra u xi kull tant mhux neċessarjament lil min kien ikun proprjament intitolat bil-liġi . B'dan kollu is-sid pero' qatt ma ġie infurmat formalment jew mod ieħor . Wara l-1959, l-irċevuta tal-qbiela baqgħet dejjem tiġi rilaxxjata lil Anthony Mecieca biss u qatt ma jidher illi saret ebda indaġini sabiex is-sid iżomm ruħu aġġornat dwar il-persuni kollha illi attwalment kienu qed jaħdmu din ir-raba .

L-inkwiet jidher illi beda fl-1992 meta "ix-Xerxew" informa lis-sid, l-ewwel bil-fomm imbagħad permezz ta' ittra, li

---

[2] Dok .B a fol. 15 .
[3] ara dok.CG. 2 a fol. 45 sa 63 .

minħabba l-eta' avanzata tiegħu ma kienx ser ikun possibbli aktar għalieh li jibqa' jiġbor il-qbiela u jmur biha Malta . Għalhekk ma' din l-ittra ħemeż lista ta' l-inkwilini kollha li kienu jaħdmu partijiet distinti minn din ir-raba u qal lis-sid biex jagħmel arranġamenti oħra għall-ġbir tal-qbiela[4] . Ir-reazzjoni tas-sid għal din l-ittra kienet illi ftit xhur wara bagħat ittra lill kull wieħed mill-persuni indikati fuq il-lista pprovduta fl-ittra ta' Mercieca sabiex jinfurmahom illi huma ma kellhom "*ebda titolu validu fil-liġi*" fuq l-art maħduma minnhom u għalhekk stedinhom sabiex jilħqu ftehim "*fuq il-pożizzjoni tiegħek u l-qbiela li ser ikollok tħallsuni wara li nkunu wasalna fi ftehim opportun*." [5] Dan il-ftehim pero' jidher illi baqa' ma ntlaħaqx ħlief ma xi wieħed u tnejn mill-persuni nvoluti[6] .

Madankollu, u minkejja illi l-attur kien pjenament konxju mill-okkupazzjoni, fil-fehma tiegħu llegali, tal-konvenuti fl-art in kwistjoni għal bosta snin, huwa xorta waħda aċċetta l-qbiela kollha dovuta għas-snin 1984 sa 1991 mingħand Anthony Mercieca[7] . Għalkemm dawn l-irċevuta mhumiex l-oriġinal, l-attur jaċċetta illi ġew rilaxxjati minnu . L-unika diffikulta' li jidher illi kien hemm dwar dan il-pagament kienet il-fatt illi ma kienx hemm qbil dwar l-ammont eżattament dovut, u l-attur, permezz tal-legali tiegħu, wara li rċieva l-ewwel pagament fit-2 ta' Novembru 1992,[8] kiteb lil Anthony Mercieca biex jgħidlu illi kien għad hemm parti mill-qbiela dovuta, u talbu biex jibgħat id-differenza[9] . Dan Mercieca għamlu u nfatti nħarġet l-irċevuta għal din id-differenza fil-25 ta'Novembru 1992 .

Għalhekk, l-aċċettazzjoni tal-qbiela dovuta fuq ir-raba in kwistjoni għal mhux inqas minn seba' snin f'daqqa, mingħand Anthony Mercieca, wara li dan kien infurmah formalment bl-ismijiet u l-indirizzi ta' dawk kollha li kienu qed jaħdmu partijiet diversi ta' din ir-raba għal numru ta' snin, u fejn allura l-attur ma setax jgħid iżjed illi ma kienx jaf bihom, u li Mercieca seta' issulokalhom mingħajr il-

---

[4] ara Dok. CG 3 a fol. 64 – 66 .
[5] ara dokti. STMV 4 sa 9 a fol. 168 – 173 .
[6] ara Dok. STMV 10 a fol. 174 .
[7] ara Dokti. MG 1 u MG 2 a fol.183, 184 .
[8] ara ittra a fol.180
[9] ara ittra relattiva a fol. 179

kunsens u konoxxenza tiegħu, ma tistax ma tiġix interpretata ħlief bħala rikonoxxenza taċita jekk mhux ukoll espressa ta' dawn l-inkwilini kollha da parti tas-sid . Fost il-persuni msemmija f'dik il-lista pprovduta minn Anthony Mercieca kien hemm il-konvenuti kollha . Għaldaqstant jirriżulta illi kwalunkwe diffett li dawn jew xi uħud minnhom seta' kellhom fit-titolu tagħhom, qabel ma s-sid aċċetta il-ħlas kif ingħad, u dana wara li gie infurmat bihom, ġie minnu stess issanat bl-irċevuti rilaxxjati f'Novembru 1992 kif ġia ngħad .
Għal dawn il-motivi, peress illi jirriżulta illi l-konvenuti jipposjedu titolu validu ta' qbiela fuq l-art in kwisjoni, tiddeċidi billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess konvenuti fuq il-mertu, tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------